# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru 3**

**Rikors Numru 13/14 JZM**

**Frank Sammut**

**v.**

**(1) L-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia;**

**(2) Ic-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici L-Onorevoli Dr Jason Azzopardi;**

**ilkoll fil-kwalita` taghhom premessa u in rapprezentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u tal-istess Kumitat rispettivament**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimati minn sentenza parzjali moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali

taghha, fil-15 ta' Jannar 2015 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, bl-ispejjez a kariku tal-intimati.

2. L-ewwel eccezzjoni taqra hekk:

> "…. id-decizjonijiet tal-Ispeaker ma humiex sindikabbli mill-Qorti u lanqas huma sindikabbli l-linji gwida minnu maghmula u certament u bl-akbar rispett dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tiddikjara xi decizjoni tal-Ispeaker bhala nulla jew invalida ghaliex ir-regolament tal-procedura tal-Kamra hija fil-grusidizzjoni insindikabbli tal-Kamra u kull indhil f'dik il-procedura tammonta ghal ksur tal-privilegg tal-Kamra."

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "**B. <u>Id-decizjoni tal-lum</u>**
>
> "Ir-rikorrent qieghed jallega li r-ruling tal-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ("l-iSpeaker") tal-10 ta` Dicembru 2013 u l-Linji Gwida ghax-Xhieda li hareg il-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici ta` l-Kamra tad-Deputati ("il-Kamra") f`Ottubru 2011 jiksru d-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-Art 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali "(il-Konvenzjoni"). Ghalhekk irrikorra ghal din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha sabiex tiddikjara li kien hemm dan il-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Talab ukoll lill-Qorti sabiex tiddikjara null u bla effett fil-konfront tieghu l-imsemmi ruling tal-iSpeaker.
>
> "Bl-ewwel eccezzjoni preliminari, **<u>li qeghda tigi deciza llum</u>**, l-intimati qeghdin jeccepixxu li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tiddikjara xi decizjoni tal-Ispeaker bhala nulla jew invalida ghaliex ir-regolament tal-procedura tal-Kamra hija fil-gurisdizzjoni insindikabbili tal-Kamra u kull indhil f`dik il-procedura tammonta ghal ksur tal-privileggi tal-Kamra.

"**C. Il-posizzjoni tal-intimati**"

"**Fil-qosor**, il-posizzjoni tal-intimati dwar l-ewwel eccezzjoni taghhom hija din :

"1) In-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qorti jidderiva mill-fatt illi l-iSpeaker ma jistax jigi citat in gudizzju u li l-Kamra ghandha d-dritt tmexxi l-proceduri taghha.

"2) In-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qorti jidderiva wkoll mill-fatt illi l-Kamra ghandha d-dritt li tirregola l-proceduri taghha skond l-Art 65 u 67 tal-Kostituzzjoni. Ir-ruling u l-linji gwida in kwistjoni jaqghu fl-ambitu tad-dritt tal-Kamra li tirregola l-proceduri taghha.

"3) Huwa privilegg tal-Kamra li abbazi ta` dak li jkun intqal jew li gie deciz fil-Kamra ma tista` tittiehed l-ebda azzjoni civili jew kriminali (Art 65(5) tal-Kostituzzjoni.

"4) Il-gurisdizzjoni tal-Qorti skond l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u skond l-Art 4(2) tal-Kap 319 ma testendix ruhha biex tiddikjara n-nullita` tal-proceduri tal-Kamra jew ir-rulings tal-iSpeaker.

"5) L-accertament ta` ksur ta` jeddijiet fondamentali li ghandha l-Qorti ma jistax jestendi ruhu ghal proceduri parlamentari.

"6) Fil-proceduri parlamentari li skattaw l-ilment tar-rikorrent, ir-rikorrent mhuwiex akkuzat izda xhud.

"7) Il-Kamra ghandha kull jedd tikkonduci investigazzjonijiet fl-interess pubbliku u dak il-jedd huwa ghal kollox indipendenti minn kull kwistjoni ta` htija kriminali ta` persuni nkluz ir-rikorrent.

"8) L-intimati jaghmlu riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` Novembru 1970 fil-kawza "**Onorevoli Dom Mintoff vs Onorevoli Giorgio Borg Olivier bhala Prim` Ministru ta` Malta et**".

"**D. Il-posizzjoni tar-rikorrent**"

"**Fil-qosor**, il-posizzjoni tar-rikorrent hija din :

"1) It-talba tieghu kif dedotta fil-procediment tal-lum tinkwadra ruhha fil-parametri tal-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4(2) tal-Kap 319.

"2) Hemm sindabilita` mill-Qrati meta kwistjoni tolqot principji ta` gustizzja naturali u drittijiet fondamentali.

"3) Ma jistghux l-intimati min-naha wahda jghidu li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tara hemmx vjolazzjoni ghall-jeddijiet fondamentali, u

min-naha l-ohra jghidu li l-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex hija ma tistax taghti dak ir-rimedju.

"4) Skond l-Art 13 tal-Konvenzjoni, min ikun garrab ksur ta` jeddijiet fondamentali ghandu dritt ghal rimedju effettiv anke jekk il-lezjoni tkun saret minn persuni li jkun qed jagixxu f`kariga ufficjali.

"5) Il-Qorti ghandha d-dritt taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq u effettiv anke jekk ma jkunx mitlub.

"6) Il-Kostituzzjoni hija suprema anke fuq l-entitajiet u/jew strutturi li huma kostitwiti skond l-istess Kostituzzjoni.

"**E. <u>Dritt</u>**

"**1) <u>Il-Kostituzzjoni</u>**

"**<u>L-Art 46</u>** jaqra hekk :-

> "*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*
>
> "*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna :*
>
> "*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f 'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*"

"**<u>L-Art 39(1)</u>** ighid :

> "… *kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*"

"Fl-**<u>Art 67(1)</u>**, jinghad illi ***<u>bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni</u>*** (enfasi u sottolinear tal-qorti) *il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess*.

“**2) <u>Il-Kap 319</u>**

“**<u>L-Art 4 tal-Kap 319</u>** jaqra hekk :-

> “*(1) Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, ikun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*
>
> “*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba mag]mula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*
>
> “*Izda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja.*”

“Skond l-**<u>Art 6(1) tal-Konvenzjoni</u>**, *fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*

“Skond l-**<u>Art 13 tal-Konvenzjoni</u>**, *kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f`din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali.*

“**F. <u>Dottrina</u>**

“Fil-ktieb “**<u>Constitutional & Administrative Law</u>**” (Edizzjoni Nru 16 tal-2015 ippubblikata minn Pearson) A W Bradley, K D Ewing & C J S Knight ighidu hekk fil-Pag 225 tad-Disa` Kapitolu li jittratta: *Privileges of Parliament*:-

> “*The House* (b`riferenza ghall-*House of Commons*) *is entitled to control its proceedings and to regulate its internal affairs without interference by the courts. This right to “exclusive cognisance” of its proceedings is one reason why the courts refuse to examine alleged defects of procedure when the validity of an Act of Parliament is chanllenged on this ground. For the same reason, the court refused to enforce a contract between two local authorities by which one council had promised not to oppose in Parliament a Bill promoted by the other council; and the courts will not consider whether the report of a Commons committee is invalid because of procedural defects. However the MPs charged with making false claims for parliamentaru expenses failed in their argument that the House had “exclusive*

*cognisance" over the claims such that they were outside the reach of criminal law.*"

"**G. <u>Gurisprudenza</u>**

"Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "**<u>Carmel Demicoli vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet tal-Parlament, fil-kwalita` taghhom premessa u in rappresentanza ta` l-istess Kamra tad-Deputati</u>**", il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet gabra tal-principji kostituzzjonali assjomatici attinenti ghall-kawza:-

"*a) Huwa maghruf tajjeb bizzejjed li l-Kostituzzjoni ta` Malta kienet ibbazata hafna fuq il-Kostituzzjoni mhix miktuba tar-Renju Unit u partikolarment il-konvenzjonijiet li fuqha tistrieh dik il-Konsituzzjoni. Ghalhekk ma jistax ikun hemm xi dubju li l-prattika u t-teorija tal-Kostituzzjoni Ingliza ghandhom is-siwi taghhom fl-interpretazzjoni tal-* ***Prattika u t-Teorija*** *tal-Kostituzzjoni Maltija fejn din taqbel ma` dik Ingliza. Izda mbaghad fejn ma taqbilx irridu bilfors infittxu l-interpretazzjoni li hija gusta ghal-ligi kostituzzjonali Maltija u l-istess kuntrast bejn iz-zewg sistemi mill-ewwel jindika u juri car li ghandu jkun hemm ghazla bejn is-sistema Malti u dak Ingliz avolja ta` l-ewwel harget mit-tieni. U hawnhekk mill-ewwel tirrispekkja ruhha car l-ghazla li hemm bejn il-Parlament Malti u dak Ingliz. Il-principju ewlieni li fuqu jistrieh il-Parlament Ingliz huwa li "Parliament is Sovereign".* ***<u>Dan il-principju f`Malta japplika biss fil-limiti tal-Kostituzzjoni miktuba</u>****.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). *L-istudjuzi tal-Kostituzzjoni Ingliza jistaghgbu bil-fatt illi waqt li fit-teorija l-Parlament Ingliz jista` jibdel il-Kostituzzjoni mhux miktuba b`maggoranza ta` siggu wiehed, il-Parlament Ingliz dejjem qaghad attent li jibdel il-kostituzzjoni meta tista` tghid il-Poplu kollu b`ananimita` shiha ried il-bidla, u mhux meta xi partit fil-gvern ried il-bidla. L-istess studenti tal-Kostituzzjoni Maltija jiltaqghu mill-ewwel mal-principju illi "f`Malta l-Parlament huwa biss is-sultan fil-limiti tal-Kostituzzjoni".* ***<u>Il-Kostituzzjoni miktuba ma torbotx biss liz-zewg ferghat l-ohra ta` l-Istat Esekuttiv u l-Gudikatura, torbot lill-Parlament ukoll u dan ukoll ma jistax imur `l hemm mill-Kostituzzjoni</u>****. (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). B`hekk fostna l-Kostituzzjoni trid tipprevali fuq il-Parlament ukoll, li filwaqt li huwa l-aqwa awtorita` li tfisser ir-rieda tal-poplu bil-ligijiet li jaghmel minn zmien ghal zmien fl-ahjar interess tal-poplu Malkti, jaghmel hekk biss bis-sahha tal-Kostituzzjoni miktuba u jekk dik il-Kostituzzjoni titfarrak bin-naqriet, jibqa` minghajr awtorita` li huwa ghandu, kif del resto jibqghu minghajr awtorita` l-Awtoritajiet kollha mahluqa mill-Kostituzzjoni;*"

"*b) Illi kif il-Qrati taghna dejjem ghallmu, certament fil-kors ta` dan is-seklu, kull meta kellha kostituzzjoni liberali, id-dottrina ta` l-ghazla tas-setghat tas-"Separation of Powers" hija l-fundament zonqri tal-Kostituzzjoni taghna, izda hawnhekk jitfacca car dak li diga` gie mfisser li l-prattika u t-teorija Ingliza ghandhom l-utilita` taghhom fl-interpretazzjoni ta` xi partijiet tal-kostituzzjoni taghna. Il-Qorti tirrileva dan billi fis-sistemi governattivi ta` pajjizi demokratici, filwaqt li fl-interpretazzjoni tas-sistema Ingliza tas-"Separation of Powers" hemm is-sistema tac-"checks and balances". Il-bilanc li jinzamm bejn is-*

*setghat tal-istat li wahda tilqa` lill-ohra – f'xi pajjizi demokratici ohra (ez: USA, Franza, l-Italja) hemm is-sistema tal-"watertight compartments of power" (kull fergha ta` l-istat irid ikollha l-mezzi taghha propji biex tintlahaq l-awtonomija kompleta taghha, tant li fi Franza u l-Italja, l-Amministrazzjoni jew l-Esekuttiv ghandha l-Qorti taghha, il-Conseil d`Etat, u l-Consiglio di Stato rispettivament. Issa, apparti li Montesquieu li fisser it-teorija tas-separation of powers ghall-ewwel darba fil-filosofija politika tieghu, "Des l'Esprit de Lois", kien qieghed jimmudella ruhu fuq il-Kostituzzjoni tar-Renju Unit fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax, kien is-sistema Ingliz Maitland f`isem il-Colonial Office Ingliz kien iddahhal f`Malta bil-Proklama Nru 1 ta` l-1815 (ara : "Cassar Desain vs Forbes", Appell Civili, 1935, XXXIX.I.43);*

"***<u>B`hekk jigi li m`ghandu jkun hemm l-ebda dubju li s-separation of powers maghrufa mill-Kostituzzjoni Maltija hija tat-tip tac-"checks and balances"</u>*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *u mhux tal-"watertight compartments of powers" li del resto l-anqas biss ma tirrizulta mill-Kostitruzzjoni kif tirrizulta f`dik Franciza u Taljana;*

"*c)* *La dan hu hekk isegwi li t-tliet frieghi ta` l-Istat Malti huma kull wahda responsabbli tal-mansjonijiet lilha moghjtija u fl-esekuzzjoni taghhom hija awtonoma safejn il-Kostituzzjoni hekk ipprovdiet u fejn mhux hekk ipprovdut jitfaccaw ic-"checks and balances" normali tad-dottrina ta` l-ghazla tas-setghat, tant li l-istudjuzi tal-Kostituzzjoni Ingliza jaqblu li fir-risoluzzjonijiet relattivi ghall-Imhallfin, il-Parlament Ingliz, jekk qatt iqum il-kaz, ghandu jimxi bil-principju tal-gustizzja naturali mhux ghax ikun sar Qorti, izda ghax ikun qieghed jiggestixxi funzjoni li hija kwazi-gudizzjarja u mhux dik tieghu legislattiva. Il-Qorti ma tifhimx li ghall-finijiet ta` din is-sentenza ghandha bzonn tiddefinixxi l-ghazla bejn il-gudizzjarju u l-kwazi-gudizzjarju; bizzejjed li tghid li hija taqbel ma`, u taghmel taghha, il-kontenut tal-paragrafi 73-74 u 81 tar-"Report of the Committee on Ministers` Powers, Cmd. 4060 ta` l-1932;*

"*Dan huwa l-metodu tad-demokrazija Maltija li jassigura li waqt li s-setghat tal-istat jingranaw u jaqghu go xulxin ma jindalux fil-mansjonijiet ta` xuilxin iktar milli riedet il-Kostituzzjoni. Kemm dan il-medtodu tad-demokrazija huwa ghal qalb il-poplu Malti deher car fir-Riformi Kostituzzjonali l-kbar ta` l-1974 fil-holqien ta` Malta Repubblika; meta ghalkemm inholqu awtoritajiet li vizibilment kien oghla mill-ohrajn, dawn gew ingestati fl-awtoritajiet l-ohra biex huma wkoll jidhlu u jaghmlu sehem f`din id-divizjoni jew l-ghazla tas-setghat, u jkun assigurat li l-ebda awtorita` ma tassumi minn rajha s-setgha ta` l-abbuz tad-dittatur. Il-Kostituzzjoni ma tfittixx liema hija l-aqwa fergha tas-setghat ta` l-istat; tfittex l-ahjar ingranagg bejn is-setghat ta` l-istat biex tintlahaq l-ahjar amministrazzjoni tal-pajjiz;*

"*d)* *Dan kollu s`issa a bazi tas-sistemi u t-taghlim tradizzjonali safejn dan ghandu japplika. Izda mbaghad fuq kollox irridu bilfors niftakru li jidher car li partijiet mill-Kostituzzjoni taghna kienu "begged, borrowed and stolen" (kif jigri fil-pajjizi civilizzati kollha li wiehed jitghallem mill-iehor, tant li bhala regola l-Ligi m`ghandhiex il-protezzjoni tal-Ligijiet tal-Copyright), mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif il-Qrati taghna dejjem ghallmu li fl-interpretazzjoni ta` ligijiet Maltin mehudin minn xi pajjiz partikolari, il-*

*Qrati taghna kien indikat li jaraw l-interpretazzjoni li l-ligi kienet moghtija fil-pajjiz ta` l-origini taghha, biex ihaddmu rashom jaraw safejn dik l-interpretazzjoni tista` u ghandha tkun l-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin. Hekk ukoll irridu nhaddmnu rasna biex naraw kif u safejn l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tista` u ghandha tkun utili ghall-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taghna u dana minghajr servilizmu min-naha u suppervja mill-ohra, billi l-ligijiet, kif ghallem l-istess Montesquieu (op. cit.) trid tehodhom fl-ambjent taghhom u mhux semplicement fit-teorija. Min-naha l-ohra fl-interpretazzjoni tal-Ligi jrid jinharab il-perikolu li wiehed jistrieh bizzejjed fuq id-dritt komparat, billi dan huwa wisq iktar utili waqt li l-ligi tkun qieghda ssir milli waqt li din tkun qed tigi interpretata. L-interpretazzjoni hija l-interpretazzjoni tal-Ligi ta` Malta u d-Dritt Komparat jista` jkun utili hawn biss fis-sens li l-ligi tal-pajjiz tkun inbidlet f`xi dettall mit-test tal-ligi li minnu xi parti tal-ligi Maltija tkun "begged, borrowed or stolen". Il-Qorti apprezzat hafna s-sens ta` erudizzjoni manifestata mid-difensuri abbli tal-partijiet, Dr Giovanni Bonello ghar-rikorrent u Dr Carmelo Testa ghall-intimat, f`dak li huwa dritt komparat, ghax bejniethom bnew tajjeb hafna l-isfond tal-kaz li ghandha quddiemha izda bir-rispett kollu tifhem li ghandha tistrieh fl-interpretazzjoni tal-ligi fuq il-ligi Maltija u bhal dejjem, jekk issib li l-ligi hija cara u ma tehtieg l-ebda interpretazzjoni, ma ghandha tipprova ggebbed l-ebda interpretazzjoni ghal dak li huwa car;*

"**H. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

"Ir-rikorrent issejjah biex jixhed (u jipprezenta dokumenti fil-pussess tieghu) quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici tal-Kamra tad-Deputati in konnessjoni mar-Rapport tal-Awditur Generali dwar Xiri ta` Fuel mill-Korporazzjoni Enemalta. Kontra r-rikorrent huma pendenti proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghal reati dwar materji li huma trattati fir-rapport tal-Awditur Generali. Il-gbir tax-xiehda tar-rikorrent qeghda tkun regolata skond Ruling ta` l-iSpeaker tal-Kamra, u skond Linji Gwida applikabbli ghall-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici. Ir-rikorrent qieghed jikkontendi li b`eventwali deposizzjoni tieghu skond dak ir-Ruling u skond il-Linji Gwida jkun hemm ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq hekk kif tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni. Dak li qieghed jigi deciz illum mhuwiex jekk hijiex fondata fil-mertu l-pretensjoni tar-rikorrent, izda jekk ir-Ruling u l-Linji Gwida humiex sindakabbli minn din il-Qorti, billi fl-ewwel eccezzjoni taghhom, in linea preliminari, l-intimati eccepew in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qorti ghax, fil-fehma taghhom, ir-regolament tal-procedura tal-Kamra jaqa` fil-gurisdizzjoni insindakabbli tal-Kamra.

"L-intimati jishqu fuq il-principju li l-Art 67(1) tal-Kostituzzjoni jaghti dritt lill-Kamra tad-Deputati li tirregola l-procedura taghha stess. U ghalhekk jinsistu li din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-kwistjoni li ghandha quddiemha billi r-Ruling u l-Linji Gwida in kwistjoni jaqghu fil-parametri tal-jedd tal-Kamra li tirregola l-proċedura tagħha stess. Din il-Qorti mhijiex tikkondividi t-tifsira daqstant wiesgha li l-intimati qeghdin jaghtu ghall-Art 67(1) ghaliex fl-argument taghhom hallew barra l-parti ta` quddiem tal-istess disposizzjoni. Infatti t-tifsira korretta tad-

disposizzjoni ghandha tkun li l-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-procedura taghha ***bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni***.

"Issa d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jinkludu dawk tal-Kapitolu IV li jittratta d-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Individwu. Fil-kaz tal-lum, l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, apparti l-Art 6 tal-Kap 319. Skond l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni ghandha *ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna.* Disposizzjoni simili tirrizulta fl-Art 4(2) tal-Kap 319.

"Hija ghalhekk il-fehma konsiderata tal-Qorti li ghandha gurisdizzjoni li tittratta u tiddeciedi l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent.

"Ta` xejra differenti hija l-konsiderazzjoni tal-kontenut tat-tielet talba. Il-posizzjoni tal-intimati hija cara fis-sens illi ghax r-rikorrenti ressaq t-tielet talba, l-istanza tieghu ma tistax tirnexxi ghaliex il-gurisdizzjoni tal-Qorti skond l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Art 4(2) tal-Kap 319 ma tistax tigi estiza biex tinkludi d-dikjarazzjoni ta` nullita` tar-Ruling u tal-Linji Gwida.

"Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi ma jistax jingieb `il quddiem l-argument illi ghax saret it-tielet talba allura l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tqis l-ewwel u t-tieni talbiet. Kwistjoni huwa l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ohra huwa r-rimedju. Is-siwi o meno tat-tielet talba jrid jitqies fl-istadju, jekk ikun il-kaz, meta l-Qorti tittratta l-mertu kemm tal-allegata vjolazzjoni kif ukoll tar-rimedju mitlub. Pero` l-Qorti mhijiex tikkondividi l-fehma tal-intimati illi bl-impostazzjoni tat-tielet talba, ir-rikorrent warrab `il barra l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti li tqis l-ewwel u t-tieni talbiet. Del resto johrog car mill-Art 46(1) tal-Kostituzzjoni u mill-Art 4(1) tal-Kap 319 li jekk il-Qorti ssib ksur tad-disposizzjonijiet li jipprotegu d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwu, ghandha diskrezzjoni fil-kwalita` tar-rimedju li taghti lill-individwu. Li jfisser li riskontrat il-ksur, il-Qorti mhijiex marbuta li taghti bilfors ir-rimedju li jkun talab specifikament ir-rikorrent, izda tista` taghti kull rimedju li jkun <u>effettiv</u> sabiex jindirizza l-ksur accertat (Art 13 tal-Konvenzjoni).

"Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, l-intimati jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta` Novembru 1970 fil-kawza "**<u>Onorevoli Dom Mintoff vs Onorevoli Giorgio Borg Olivier bhala Prim` Ministru ta` Malta et</u>**". Hemm il-kwistjoni ma kenitx tittratta dwar allegazzjoni ta` ksur ta` jeddijiet fondamentali izda dwar il-procedura segwita mill-Kamra tad-Deputati fil-konsiderazzjoni ta` emendi ghall-Kostituzzjoni. L-intimati jaghmlu enfasi fuq il-fatt illi hemm il-Qorti

Kostituzzjonali kienet stretta meta llimitat il-gurisdizzjoni taghha biex tghid jekk il-procedura dettata mill-Kostituzzjoni kenitx segwita inkella le. Din il-Qorti hija tal-fehma illi bil-linja li ttraccjat, il-Qorti Kostituzzjonali kienet rispettuza lejn id-dettami stabbiliti mill-Kostituzzjoni.

"Hekk qeghda taghmel ukoll din il-Qorti bid-decizjoni taghha tal-lum. Kien ghalhekk li l-Qorti ccitat *in extenso* mis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "**Carmel Demicoli vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet tal-Parlament, fil-kwalita` taghhom premessa u in rappresentanza ta` l-istess Kamra tad-Deputati**" billi fil-fehma ta` din il-Qorti l-mod kif svolgiet il-principji kostituzzjonali li kienu attinenti ghall-kaz li kellha quddiemha jghoddu bis-shih ghall-konsiderazzjoni tal-kaz tal-lum.

"Din il-Qorti ghamlet enfasi u ssottolineat brani tas-sentenza fosthom illi l-principju Ingliz li l-Parlament huwa sovran japplika biss fil-kuntest ta` Malta fil-limiti mposti mill-Kostituzzjoni, kif ukoll il-Kostituzzjoni ma torbotx biss lill-Ezekuttiv u lill-Gudikatura izda lill-Parlament li ma jistax imur `l hemm mill-Kostituzzjoni. Ghamlet hekk sabiex tohrog b`mod aktar fic-car l-enfasi taghha li l-poteri tal-ferghat tal-Istat huma delineati u stabbiliti mill-Kostituzzjoni li allura jkompli jfisser li d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ghandhom isibu applikazzjoni fl-assjem taghhom mhux bil-bicciet. Il-ferghat tal-Istat kienu ntizi mill-Kostituzzjoni sabiex joperaw b`sistema ta` *checks and balances* u propju ghalhekk l-ebda fergha tal-Istat ma tista` tqis lilha nnfisha barra mill-parametri prefiss mill-Kostituzzjoni stess. In diskussjoni fil-kaz tal-lum mhuwiex il-jedd tal-Kamra tad-Deputati tramite l-Kumitat ghall-Kontijiet Pubblici li taghmel investigazzjoni fl-interess pubbliku, izda l-ezercizzju ta` dak il-jedd sabiex ma jikkozzax mal-harsien tal-jeddijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu li huwa l-bazi ta` socjeta` demokratika fondata *on the rule of law.*

## L-Appell

4. Dan hu bazat fuq is-segwenti sottomissjonijiet relevanti ghall-finijiet tal-eccezzjoni preliminari in kwistjoni.

5. [a] Li l-ewwel Qorti "izolat dispozizzjonijiet tal-Kostituzjoni b'mod li imbaghad ma interpretathomx b'mod shih u relatati ma' xulxin".

Ghalkemm huwa pacifiku li l-qrati kostituzzjonali ghandhom gurisidizzjoni f'materja ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-vertenza in dizamina hija differenti minn hekk. "Il-kwistjoni f'din il-kawza hija semplicement jekk il-Qorti ghandhiex dritt tissindika direttiva tal-Ispeaker fir-regolament tal-procedura tal-Kamra" u huwa f'dan il-kuntest li allura l-ewwel Qorti kellha tistharreg il-kwistjoni anke fid-dawl tat-tielet talba tar-rikorrenti, dik relattiva ghar-rimedju f'kaz ta' sejbiet ta' lezjoni kostituzzjonali.

6. Ikompli jossottometti li –

> "L-esponent qieghed jaghmel tant enfasi fuq in-nuqqas tal-gurisdizzjoni tal-Qorti ghal dak li hija l-procedura segwita mill-Kamra ghaliex dan huwa ta' natura essenzjali ghat-thaddim korrett tad-demokrazija ghaliex huwa essenzjali li l-Kamra tkun hielsa li taghmel dawk l-indagnijiet f'materja pubblika li jidhrilha mehtiega u necessarja minghajr ma tigi imxekkla. L-uniku tixkil ghandu jitwieled mid-decizjonijiet u mill-procedura taghha stess."

7. [b] In-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati kostituzzjonali f'din il-kawza tohrog proprju minn dak li gie mitlub mir-rikorrenti, u cioe` mit-talbiet tieghu li r-*ruling* tal-Ispeaker tal-10 ta' Dicembru 2013 u l-linji gwida mahruga mill-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici ta' Ottubru 2011 jikkozzaw kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u precizament ghax huma vjolattivi tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq, kif ukoll mir-rimedju mitlub minnu, cioe` d-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-imsemmija *ruling* tal-Ispeaker intimat. In fatti, ikomplu jissottomettu l-intimati

"minghajr din it-talba [it-tielet talba] tispicca l-vera essenza tal-azzjoni u ma jkun hemm l-ebda interess fl-intimati fir-rigward ta' dak li qieghed jigi kontestat".

8. Ikomplu jissottomettu fir-rigward li –

> "Il-kwistjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq hi se mai kwistjoni li tirrigwarda l-proceduri kriminali mehuda kontra l-parti u ghall-liema talbiet il-legittimi kontraditturi mhuwiex l-Ispeaker imma l-prosekuzzjoni. L-Ispeaker jidhol biss f'din il-kwistrjoni minhabba t-tentattiv tar-rikorrent li jitlob li jigu sindikati proceduri parlamentari u li jitolbu li ruling tal-Ispeaker jigi dikjarat null…….f'dain il-materja l-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni ghaliex il-kwistjoni hija mhollija mill-Kostituzzjoni f'idejn l-Ispeaker u l-Kamrba u f'idejn l-ebda persuna ohra. Minn ruling tal-Ispeaker jista' jsir appell biss lill-Kamra bil-proceduri kontemplati fir-regolamenti tal-istess Kamra u lil ebda awtorita` ohra. Dan huwa necessarju ghas-salvagwardja tad-demokrazija u ghas-salvagwardja tal-awtronomija tal-Kamra fl-esplicitar tal-mansjonijiet taghha."….
>
> "…L-investiazzjoni intrapriza mill-Kamra ghandha skopijiet ta' natura pubblika fil-qafas tat-thaddim tad-demokrazija biex il-kamra tkun tista' liberalment tinvestiga u tiddiskuti dak li huwa ta' interess pubbliku. Ir-riflessjonijiet [konsegwenzi] li tali proceduri tal-kamra jista' jkollhom fuq proceduri kriminali hija haga ohra u tigi diskussa biss fl-ambitu ta' dawk il-proceduri u fil-kontenzjuz tal-prosekuzzjoni."
>
> "…Il-gurisdizzjoni tal-Qorti fil-materja ta' drittijiet fundamentali bl-ebda mod ma tikkozza mal-privilegg ugwalment fundamentali li l-Kamra tithalla tirregola l-procedura taghha minghajr indhil. Jekk b'dik il-procedura jkun impatt fuq il-proceduri kriminali jmehuda kontraparti b'mod lijigu nieqsa l-garanzija kostituzzjonali allura dik hija materja li ghandha tigi indirizzata f'dawk il-proceduri u r-rimedji jkunu tali li jistabbilixxu dawk il-garanzija necessarji f'dawk il-proceduri fil-kontenzjuz tal-prosekuzzjoni u mhux tal-Ispeaker."
>
> "Il-kamra ghandha d-dritt ewlieni u esklussiv li tirregola hija nnifisha minghajr indhil fil-procedura taghha, kull ma jinghad fil-kamra ma jistax jkun suggett ta' azzjoni gudizzjarj, u bl-istess mod u *multo magis* issir

ruling ta' l-Ispeaker li huwa l-president tal-Kamra u l-Ispeaker ma jistax jigi notifikat u m'ghandux jigi notifikat b'atti gudizzjarji….

"Huwa assjomatiku li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni biex tiddikjara ligi hijiex jew le kostituzzjonali, imma meta taghmel dak b'ebda mod ma tidhol fl-operat procedurali tal-parlament u l-Kamra bl-ebda mod ma tkun parti jew jkollha interess f'dawk il-proceduri….

"….. huwa wkoll importanti li jigi rilevat li l-kumitat mhux qorti jew tribunal imma huwa biss kumitat tal-parlament li fl-funzjoni tieghu la hija gudizzjarja u lanqas kwazi gudizjarja. Il-kumitat ma ghandu l-ebda mansjoni li jsib l-htija jew xort' ohra; l-investigazzjoni tieghu hija fil-qafas tal-kontroll li l-parlament jezercita fuq il-kondotta tal-gvern u dik il-funzjoni u d-diskussjoni li ssir fi hdanu hija vitali ghad-demokrazija u ma ghandhiex tigi mxekkla u huwa precisament minhabba din l-awtonomija tal-kamra li qeda tigi eccepita n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti……"

9. Jikkonkludu billi jghidu li l-ewwel Qorti messha iddeklinat kwalsijasi gurisdizzjoni in vista li r-rikorrent ghandu l-pozizzjoni tieghu ben salvagwardjata bil-ligi u bl-istess kostituzzjoni fl-ambitu tal-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu.

10. Ghar-ragunijiet premessi l-intimati qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi revokata u, minflok, din il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

11. Ir-rikorrent minn naha tieghu, ghar-ragunijiet hawn taht imfissra, qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti.

12. Ir-rikorrent jibda billi jirribatti li mhux minnu dak sottomess mill-intimati li l-ewwel Qorti izolat dizpozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni b'mod li mbaghad ma tinterpretahomx b'mod shih u relatati ma' xulxin. Jghid ukoll li l-kwistjoni jekk Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ghandhiex dritt li tissindika direttiva tal-Ispeaker fir-regolament tal-procedura tal-Kamra twassal awtomatikament ghall-kwistjoni dwar jekk il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni li tikkonsidra kwistjonijiet ta' din ix-xorta.

13. In sostenn tat-talba tieghu r-rikorrent jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet:

14. Kif diga` deciz minn din il-Qorti fil-kawza *Carmel Demicoli*[1] u cioe` li "l-Kostituzzjoni miktuba ma torbotx biss liz-zewg ferghat l-ohra tal-Istat Ezekuttiv u l-Gudikatura, [izda] torbot lill-Parlament ukoll u dan ukoll ma jistax imur 'l hemm mill-Kostituzzjoni".

15. Bis-sahha tal-Kostituzzjoni, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha ghandha l-poter li tittratta u tikkonsidra kull talba maghmula lilha fil-parametri tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni b'referenza ghall-Artikoli 33 sa 45 li jirrigwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ghalhekk, stante li l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti f'lezjoni ta' dritt kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu jekk jigi

[1] Citata fis-sentenza appellata

mgieghel jixhed fil-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici, dik il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tinvesti l-ilment tieghu.

16. Jaghti ragun lill-ewwel Qorti li fil-konsiderazzjonijiet taghha f'dan l-istadju ma qiesitx it-talba dwar ir-rimedju, stante li l-pregudizzjali in dizamina hija ta' natura preliminari u qed tigi investita mill-Qorti qabel ma jibda jigi trattat il-mertu. Barra minn hekk, kif sottomess mill-ewwel Qorti, il-Qorti ghandha diskrezzjoni fil-kwalita` ta' rimedju li taghti lill-individwu u mhijiex marbuta f'dan ir-rigward ma' dak mitlub mir-rikorrent fit-tielet talba tieghu.

17. B'referenza ghal dak li jghidu l-intimati li "l-Kamra tkun hielsa li taghmel dawn l-indagnijiet f'materja pubblika li jidhrilha mehtiega u necessarja minghajr ma tigi mxekkla[2], ir-rikorrent jesprimi d-dizapprovazzjoni tieghu dwar it-termini uzati mill-intimat u l-hsieb warajhom u jissenjala li, ghajr milli xkiel, "id-drittijiet tal-bniedem ghandhom f'dan il-kunstest jigu mittiehda bhala ghodod siewja f'idejn l-appellanti sabiex ikollhom is-serhan tal-mohh li l-procedura adoperata minnhom fl-istharrig taghhom tkun wahda konsonanti mad-drittijiet tal-bniedem u r-*rule of law*".

Ikompli jissottometti:

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

> "… … … is-setgha tal-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tikkunsidra u tittratta t-talba odjerna tirriiulta mill-fatt li taht il-ligi u dettami Kostituzzjonali ta' Malta, il-Kostituzzjoni hija suprema u tipprevalixxi inter alia fuq kull istituzzjoni, korp, entita. ligi, ruling u/jew linja gwida ohra. Huwa konfuz ghalhekk ir-ragunament tal-appellanti meta jghidu li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) "… … … m'ghandhiex gurisdizzjoni dina l-Onorabbli Qorti biex tistharreg il-procedura tal-Kamra u r-rulings tal-iSpeaker in kwantu dawn huma intizi biex jirregolaw dik il-procedura". Umilment jigi rilevat li dak li qieghdin jikkontestaw l-appellanti huwa principju bazilari tal-ligi kostituzzjonali Maltija u bir-rispett, l-appellanti ma gabu l-ebda argument legali u/jew logiku sabiex isostnu l-appell taghhom."

18. Dwar l-argument tal-intimati li t-tielet talba hija l-vera essenza tal-azzjoni u li minghajrha ma jkunx hemm aktar interess da parti tal-intimati, ir-rikorrent isostni li dan hu skorrett in kwantu dikjarazzjoni ta' lezjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali wahedha hija bizzejjed biex tirradika l-interess guridiku sabiex tigi sostnuta l-azzjoni.

19. Jghid li, ghalkemm huwa minnu li z-zewg entitajiet, cioe` il-Parlament u l-Gudikatura huma awtonomi izda mill-banda l-ohra ma johrog minn ebda dispozizzjoni tal-ligi, wisq anqas l-Kostituzzjoni, li dawn igawdu *unfettered powers.* Jishaq li s-salvagwardja tad-dritt ghal smigh xieraq trid issehh mhux biss fil-proceduri kriminali, izda wkoll fil-kuntest akbar ta' stharrig ta' entita` pubblika ghal skopijiet pubblici li jirrigwardja l-istess materja li fuqha r-rikorrent qieghed jirrinfaccja proceduri kriminali. F'dan ir-rigward jiccita l-kazijiet decizi mill-Qorti

Ewropea **Weh v. Austria** [Appl. 38544/97, deciza 8 April 2004] u **Saunders v. Uk** [Appl.19187/91, deciza 17 Dicembru 1996].

20. Rigward is-sottomissjoni tal-intimati li *"hija l-mansjoni tal-Ispeaker kjarament rizervata lilu fl-istess linji gwida, li jiddeciedi jekk ix-xhud ghandux jirrispondi jew le"* ir-rikorrent jghid li huwa car li l-Ispeaker ma jista' qatt joffri l-istess salvagwardji li joffru l-istrutturi procedurali u sostantivi tal-Qorti b'kompetenza kostituzzjonali ghall-harsien tad-drittijiet fundamentali tieghu.

21. Jikkonkludi billi jghid li, filwaqt li huwa jaqbel li l-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici ma jistax jitqies bhala qorti jew tribunal, izda "dan ma jfissirx li dak li jsehh f'dan il-Kumitat ma jistax jimpingi fuq id-drittijiet fundamentali [tar-rikorrent]".

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

22. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti l-pern tal-kwistjoni li ghandha quddiemha tohrog mill-pretensjoni tal-intimati li l-qrati m'ghandhomx gurisdizzjoni li jissindikaw proceduri parlamentari, senjatament direttivi jew *rulings* tal-Ispeaker kif ukoll proceduri quddiem kumitati appuntati mill-Kamra u dan in bazi ghal dak li jghid l-Artikolu 67 [1] tal-Kostituzzjoni li l-Kamra ghandha s-setgha li tirregola l-procedura taghha.

Isostnu li l-Kamra gandha d-dritt ewlieni u eskluzziv li tirregola hija nnifisha "minghajr indhil fil-proceduri taghha … … … u l-Ispeaker ma jistax jigi notifikat u ma ghandux jigi notifikat b'atti gudizzjarji".

23. Fl-ewwel lok din il-Qorti tghid li tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza *Carmel Demicoli*[3] li, ghalkemm il-Kostituzzjoni taghti lill-Parlament id-dritt li dan jirregola l-proceduri tieghu, dan id-dritt mhuwiex wiehed assolut kif qed jippretendu l-intimati meta jiddeskrivu dan id-dritt bhala wiehed "ewlieni u esklussiv" u li ghandu jigi ezercitat "minghajr indhil". Dan id-dritt huwa moghti lill-Parlament mill-Kostituzzjoni u huwa limitat mill-istess Kostituzzjoni fis-sens li ghandu jigi ezercitat minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-istess Kostituzzjoni. Fi kliem iehor dan id-dritt ghandu jigi ezercitat fil-parametri tal-Kostituzzjoni. Li dan hu hekk jirrizulta car kristallin minn dak li jghid l-artikolu precitat u senjatament li d-dritt tal-Parlament li jirregola l-procedura tieghu huwa *"Bla hsara ["Subject" fit-test Ingliz] ghad-dispozizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni"*. Kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, din il-klawsola tillimita u tirrestringi dan id-dritt ghall-parametri tal-Kostituzzjoni fis-sens li ma jistax jigi ezercitat bi ksur ta' dispozizzjonijiet ohra tal-Kostituzzjoni, fosthom dawk li jipproteggu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem skolpiti fl-Artikoli 33 sa 45 [maghdudin].

---

[3] Supra

24. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimati li l-ewwel Qorti "izolat dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni b'mod li imbaghad ma interpretathomx b'mod shih u relatati ma' xulxin". Din il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-intimati ma wrewx kif u fejn l-ewwel Qorti ghamlet dan, l-Artikolu 67 [1] innfisu, li fuqu l-intimati jserrhu principalment il-kaz taghhom, b'mod car jirreferi in generali ghad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-Kostituzzjoni li jillimitaw id-dritt hemm kontemplat. Il-Kostituzzjoni turi bic-car li dan id-dritt ma jistax jittiehed *in vacuo* izda ghandu jigi interpretat fid-dawl u in konformita` mad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-Kostituzzjoni, fosthom, kif fuq gia` spjegat, dawk relatati mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

25. It-tezi tal-intimati li n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati kostituzzjonali li jissindikaw id-direttivi tal-Ispeaker hija "necessarja ghas-salvagwardja tad-demokrazija u ghas-salvagwardja tal-awtonomija tal-Kamra fl-espletar tal-mansjonijiet taghha" ma tregix ghax l-istess Kostituzzjoni, li minnha jemani d-dritt moghti lill-Parlament li jirregola l-proceduri tieghu, tissalvagwardja d-dispozizzjonijiet l-ohra taghha. Tant dan hu minnu li l-Kostituzzjoni bis-sahha tal-Artikolu 46 tat lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili gurisdizzjoni originali proprju sabiex tittratta ilmenti dwar ksur ta' xi dritt fundamentali kontemplat fl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni.

26. Inoltre, l-argument sollevat mill-intimati li, ghalkemm il-qrati kostituzzjonali ghandhom gurisdizzjoni biex jiddikjaraw ligi hijiex konformi jew le mal-Kostituzzjoni l-istess Qrati ma ghandhomx id-dritt li jissindikaw il-proceduri parlamentari, huwa inapplikabbli fil-kaz in dizamina, stante li f'dan il-kaz dak li qed jigi attakkat mhuwiex l-operat procedurali tal-Kamra li tohrog ligi, izda allegata lezjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem bis-sahha tal-proceduri quddiem il-Kumitat. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-issindikar mill-qrati kostituzzjonali f'qafas ta' ilment ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali, protett mill-istess Kostituzzjoni, jista' validament jitqies bhala xkiel ghad-demokrazija.

27. Hija flokha l-osservazzjoni maghmula mill-Prim'Awla fil-kaz *Carmel Demicoli:*

> "…huwa l-metodu tad-demokrazija Maltija li jassigura li waqt li s-setghet ta' l-Istat jingranaw u jaqghu go xulxin, ma jindahhlux fil-mansjonijiet ta' xulxin iktar milli riedet il-Kostituzzjoni … … … . Il-Kostituzzjoni ma tfittix liema hija l-aqwa fergha tas-setghat tal-Istat; tfittex l-ahjar ingranagg bejn is-setghat tal-Istat biex tintlahaq l-ahjar amministrazzjoni tal-pajjiz."[4]

28. Rigward l-Artikolu 65[5] li jipprojbixxi n-notifika lill-Ispeaker b'atti gudizzjarji civili, din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-atti gudizzjarji civili ma jistghux jigu servuti lill-Ispeaker ma jwassalx ghall-konkluzjoni li allura l-qrati m'ghandhomx gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat tal-Ispeaker f'qafas kostituzzjonali. Li dan hu hekk johrog mill-konsiderazzjoni li,

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti – Vol.LXX.I.pg.89

apparti li l-proceduri odjerni mhumiex ta' natura civili izda huma ta' natura kostituzzjonali, d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ghandhom jitqiesu bhala *quid unum* u ghalhekk ghandhom jigu interpretati b'mod li jkunu konformi ma' xuxlin u mhux kontra xulxin. Ghalhekk meta l-Kostituzzjoni taghti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili gurdisdizzjoni originali sabiex tittratta u tiddeciedi dwar ilmenti kostituzzjonali bazati fuq ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u meta l-istess Kostituzzjoni fl-Artikolu 67[1] espressament tissoggetta d-dritt tal-Parlament ghad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-Kostituzzjoni, it-tezi tal-intimati f'dan ir-rigward hija anti guridika ghax tikkreja sitwazzjoni ta' konflitt bejn id-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, liema konflitt ma jezistix.

29. Rigward il-kawza [591/70] fl-ismijiet **Onor. Dom Mintoff v. Onor. Dr Giorgio Borg Olivier bhala Prim Ministru et** moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-5 ta' Novembru 1970 u li minnha l-intimati siltu bran[5] in sostenn tat-tezi taghhom, din il-Qorti tosserva li f'dak il-kaz il-mertu kien differenti minn dak tal-kaz in dizamina. F'dak il-kaz dak li kien qed jigi investit mill-Qorti kienet il-pregudizzjali dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika "l-process legislattiv" u mhux l-issindikar ta' din il-Qorti dwar allegat ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Fil-kawza citata din il-Qorti ghamlitha cara meta osservat li *"Dak li f'din il-kawza hu relevanti u necessarju ghall-konsiderazzjoni,*

[5] Fin nota ta' sottomissjonijiet taghhom

*huwa biss il-procedura tal-Kamra ghal dak li jirrigwardja il-process Legislattiv".* Dan osservatu wara li fil-paragrafu precedenti spjegat hekk:

> "Il-kawza prezenti si tratta ta' impunjazzjoni tal-validita` ta' ligi, konsistenti f'Att tal-Parlament. Kif gja gie sottolineat fil-bidu ta' din is-sentenza, f'din il-kawza m'hemm ebda kwistjoni li tirrigwarda ksur ta' xi dritt jew liberta` fondamentali ta' l-individwu protett mill-Kostituzzjoni – kwistjoni li kienet talvolta tkun tinvolvi konsiderazzjonijiet ohra."

30. Fid-dawl tal-premess il-kaz indikat mill-intimati ma jista' jkun ta' ebda konfort ghat-tezi taghhom, stante li fil-kaz odjern dak li qed jigi trattat huwa l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Ispeaker dwar allegat ksur ta' dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni konsistenti f'allegata lezjoni ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tal-intimati bl-ispejjez a kariku taghhom. Tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df